MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 95/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Muscat, ta' 46 sena, bin Guzepp u Rita nee' Camilleri, imwieled Victoria, nhar it-12 ta' Novembru, 1985, residenti fil-fond numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44364(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Muscat li gie akkuzat talli nhar il-05 ta' Ottubru, 2010, gewwa Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, ghall-habta tal-ghaxra u kwart (22:15hrs) ta' filghaxija;

a) Ingurja, jew hedded, lill-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe` *Insp Josric Mifsud, PS581 Loreto Bugeja, PS664 Jason Xerri* u *PC1403 Anthony Spiteri,* waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwxxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

b) Aghmel rezistenza bi vjolenza, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` *PC1403 Anthony Spiteri* filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

c) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied;

d) Ukoll talli f'lokk pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra f'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nifsu;

e) Bil-lejl volontarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor;

f) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontrol ta' vettura fi triq jew f'post publiku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba f'xorb;

g) U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-27 ta' Ottubru 2010 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti ;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi mismugha u l-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis il-piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, izda fuq kollox ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia li ddikjarat illi l-imputat qieghed jaghmel progress fir-rigward tal-problemi tieghu tal-alkohol u illi ghandu hajja stabbli. Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi ghalhekk piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(m),(bb),(dd), (ff), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta Malta, il-Qorti tqieghed lil hati taht ordni ta’ Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta’ dina l-ordni jew jekk huwa ma isegwiex l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna illi kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur Probation Services skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------